**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 065/2017**

**CL (l-ilmentatrici)**

**vs**

**All Invest Company Ltd. (C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 t'Ottubru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici bazikament tissottometti li fuq parir tal-provditur tas-servizz investiet separatament waheda s-somma ta' €15,707.75 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*) nhar id-19 ta' Jannar 2011.

Illi fil-bidu rapprezentant tal-provditur tas-servizz taha parir biex tinvesti fl-*ARM* fejn iddeskrivih bhala l-ahjar investiment dak iz-zmien. Qatt ma spjega li kien hemm xi riskju involut fih.

Wara ftit xhur, l-istess provditur tas-servizz cempel lill-ilmentatrici u zewgha fejn qalilhom li l-investiment fl-*ARM* ma kienx sejjer tajjeb u jkun ahjar jekk jittrasferixxu l-flus fi strument iehor. Qalilhom li l-ahjar investiment li kien hemm dak iz-zmien kien '*LMA fl-Awstralja'*. Lanqas din id-darba ma gie spjegat li dan il-prodott kien fih xi riskji.

Illi meta wiehed jiehu biss ir-rata tal-imghax ta' 8%, li kien marbut ma' dan il-prodott, meta l-*base rates* kienu relattivament baxxi, allura, l-provditur tas-servizz m'ghamilx *assessment* tajjeb tal-idoneità tal-ilmentatrici.

Illi l-provditur tas-servizz naqas milli jaghmel il-verifiki necessarji sabiex jidentifika jekk il-klijenta kellhiex esperjenza u gharfien tat-tip ta' tranzazzjoni li kienet ser taghmel kif kien obbligat li jaghmel skont SLC 2.16 u 2.22.

Illi l-provditur tas-servizz ma pprovda l-ebda informazzjoni lill-klijenta tieghu b'mod komprensiv sabiex tkun tista' tifhem in-natura u r-riskji involuti fl-investiment u fl-istrument offrut lilha u tkun tista' tiehu decizjoni infurmata.

Ghalhekk qed titlob li tinghata lura s-somma ta' kapital li tilfet fl-ammont ta' €15,707.75, bl-imghaxijiet u l-ispejjez.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li essenzjalment tghid**:

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu illi l-ilment proprju huwa dikjarat li huwa l-investiment li sar l-*LMMPF* ghal €15,707.75, jigifieri dak li sar mir-rikorrenti fuq parir tas-socjetà konvenuta tad-19 ta' Jannar 2011, jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jidher illi jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentatrici ttiehed b'xi qerq jew li ma kenux informati bin-natura tal-investiment b'tali mod li kieku ma kenitx tidhol ghalih;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju] u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;

4. Illi l-esponenti ma tistax tinsab responsabbli ghal dak li huwa effettivament ta' illegalitajiet kommessi allegatament mid-diretturi tas-socjetà emmetrici tal-prodott;

5. Illi ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxietx sew, jew agixxiet b'mod negligenti jew traskurat, jew agixxiet bi ksur ta' xi regolamenti, fil-konfront tal-ilmentatrici u, ghaldaqstant, m'ghandhiex tinsab responsabbli ghal ebda danni fil-konfront taghha;

6. Illi l-ilmentatrici kienet konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandha terfa' r-responsabilitajiet qua ilmentatrici billi terfa' il-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad li jrid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Preliminari**

Skont verbal tal-10 t'Ottubru 2017 fil-Kaz Nru. 063/2017, gie maqbul bejn il-partijiet li dan il-kaz jinstema' flimkien mal-Kazi Numri 064, 065 u 066/2017. Ghalhekk id-dokumenti li dahlu fil-Kaz Nru. 063/2017 ghandhom jghoddu wkoll ghal dawn il-kazi ukoll.

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat ghal meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.*'

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna sostnew:[1]

‘*Illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr. Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et* deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali.' (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*

Kif anke gie ritenut recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[2] ir-relazzjoni hija ta' natura kuntrattwali.

Anke f'kazi fejn hemm obbligazzjonijiet kuntrattwali jistghu jintalbu hlas ta' danni u fil-kaz *de quo,* essenzjalment, qed jinghad li meta inghata l-parir u sar il-kuntratt tal-bejgh tal-prodott, il-provditur tas-servizz naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu meta sehh bejgh hazin ta' prodott ghaliex inghata parir hazin u nbiegh lill-ilmentatrici prodott li ma kienx idoneju ghaliha u naqas mill-obbligu li jinfurmaha bin-natura preciza tal-prodott u r-riskji marbutin mieghu kif kellu obbligu li jaghmel.

L-ilmentatrici qed titlob hlas ta' kumpens ghat-telf li sofriet minn din ir-relazzjoni kuntrattwali.

[1] *Go p.l.c. vs Charles Dimech,* PA 28/07/2011
[2] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017

Ghalhekk mhuwiex il-kaz li japplika l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Barra minn hekk, huwa stabbilit mill-Qrati taghna li min jeccepixxi l-preskrizzjoni irid jippruvaha u jipprova wkoll il-perjodu minn meta, f'dan il-kaz, l-ilmentatrici setghet taghmel l-azzjoni skont l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16.

Il-provditur tas-servizz m'ghamel xejn minn dan.

Ghal dawn ir-ragunijiet moghtija 'l fuq, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

It-tielet eccezzjoni hija fis-sens li *All Invest Co. Ltd.* m'hijiex responsabbli ghal dak li gara ghaliex ma kinetx hi li tiggestixxi l-prodott u kienet biss intermedjarja.

Dwar din l-eccezzjoni l-fatti juru li l-provditur tas-servizz kienet kumpanija licenzjata mill-*MFSA* bhala provditur ta' servizzi finanzjarji u meta tat dawn is-servizzi, dawn is-servizzi kienu qed jinghataw f'isimha proprju bhala principal u mhux bhala agent. Tant hu hekk, li l-*MFSA* ghandha regoli *ad hoc* ghal kumpaniji bhall-provditur tas-servizz odjern u kemm-il darba issanzjonat kumpaniji hekk imsejha '*intermedjarji*' li kienu qed joffru servizzi simili.

Li kieku l-Arbitru kellu jaccetta din l-eccezzjoni jfisser li kull min jaghti servizz ta' investiment bhal dan u ma jkollu l-ebda responsabbiltà ghax jissejjah '*intermedjarju*', allura, jista' jagixxi ma' klijenti, specjalment dawk '*retail*', kif irid hu u ma jkun responsabbli ghal xejn. Galadarba l-provditur tas-servizz ta servizz ta' parir u investa l-flus f'isem l-ilmentatrici huwa ghandu jwiegeb ghal ghemilu. Fin-nuqqas ta' dan, jibdew isehhu abbuzi kbar kontra l-interessi tal-konsumatur u telf ta' fiducja fil-qasam tal-investimenti fis-settur finanzjarju.

Id-dokumenti kollha juru li *All Invest Co. Ltd.* kienet qieghda tagixxi bhala '*Independent Financial Advisors*'[3] u iddikjarat ruhha bhala:

'*All Invest Co. Ltd. is licensed to conduct investment services business by the Malta Financial Services Authority*'.[4]

Imkien ma gie ippruvat mill-provditur tas-servizz li f'xi hin kien qal lill-ilmentatrici li ma kienx qed jaghti servizz f'ismu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

---

[3] A fol. 10
[4] A fol. 11

Ir-raba' eccezzjoni qieghda tigi michuda ghall-istess ragunijiet moghtija ghall-eccezzjoni numru 3.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[5]

Il-kaz huwa bazikament dwar allegazzjoni li l-provditur tas-servizz naqas milli jispjega r-riskji tal-prodott; il-prodott ma kienx '*suitable*' ghall-ilmentatrici; u ma pprovdiex dik l-informazzjoni necessarja sabiex l-ilmentatrici tkun tista' tiehu decizjoni infurmata jekk tinvestix jew le.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*)**

Fid-19 ta' Jannar 2011, l-ilmentatrici investiet is-somma ta' €15,707.75, fl-*LM Managed Performance Fund* (*'LMMPF'*), prodott mibjugh fuq il-bazi ta' parir ta' investiment li inghata mis-Sur Ramon Borg ghal *All Invest Co Ltd.*[6]

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *Updates* dwar l-andament tal-prodott.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[7]

Il-fond huwa sospiz u fi Frar 2014,[8] hargu ordnijiet biex il-fond jigi llikwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

---

[5] Kap. 555 Art 19(2)(b)

[6] A fol. 11

[7] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM* cioé *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*

[8] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[9] il-fond huwa deskritt bhal wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application*, li kien dokument li jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[10]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[11] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[12]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-

---

[9] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf

[10] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzjonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru *hosted* fuq *servers* tal-*internet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[11] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[12] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur kif wkoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

***'Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>.'***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu '*wholesale*' jew '*sophisticated*'. Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal '*wholesale*' u *'sophisticated investors'* f'kaz ta' *'Australian resident investors'* biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer.*

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima '*Withdrawal Notice Period'* (pg. 11) jintqal kif gej:

***'To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager.'***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentatrici, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

1) F'dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu '*Updated Withdrawal Information*'. Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.

2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh '*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*'.

Ikompli hekk il-paragrafu:

*'The need to implement this measure to protect the fund arose for the first time last year, as per the Information Memorandum. Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible.'*

3) Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[13]

4) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew ikklassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

Imma l-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund*.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna.**

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

[13] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax priorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment tal-anqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari; meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kinux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghal investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja, jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta' protezzjoni applikat fir-rigward ta' investituri Awstraljani.

Fuq kollox mill-*Updates* li kienu digà hargu kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problemi serji u li kieku saret *due diligence* serja mill-provditur tas-servizz kellu jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-ilmentatrici.

Dan il-prodott ghandu jitqies prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS*. Skont ir-regoli tal-*MiFID* (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA*, *PART B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers),*[14] biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa (u, allura, il-provditur seta' jbiegh il-prodott minghajr ma jitlob informazzjoni minghand il-klijent fir-rigward ta' *Knowledge and Experience*), kellu jilhaq erba' principji f'daqqa.

Wiehed minn dawn il-principji huwa dan:

'*There are frequent opportunities to dispose of, redeem, or otherwise realise that instrument at prices that are publicly available to market participants and that are either market prices or prices made available, or validated, by valuation systems independent of the issuer*.'

Dan il-kriterju il-prodott ma jilhqux. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

**Kif inbiegh il-Prodott u jekk kienx idoneju (*suitable*) ghall-Ilmentatrici.**

L-ilmentatrici tghid li s-somma investita kienu flus imgemmghin ghat-tfal mic-*Children's Allowance* u rigali ohra li kienu qalghu iz-zewgt uliedhom. Tghid illi qatt ma kellha l-hsieb li tinvesti flus uliedha f'xi haga riskjuza.[15]

Hija tikkonferma x-xhieda li taha zewgha fil-Kaz Nru. 063/2017, u l-Arbitru qed jaghmel referenza ghaliha u jqisha li tifforma parti minn dan il-process ukoll kif miftiehem bejn il-partijiet. L-Arbitru qed jiehu in konsiderazzjoni ta' din ix-xhieda fil-konsiderazzjonjiet tieghu fuq il-mertu.

F'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz ma pprezentax l-*affidavit* ta' Ramon Borg, kif ghamel fil-Kaz Nru. 063/2017, izda peress li l-provi tal-Kaz Nru.063/2017 u dan il-kaz instemghu flimkien, l-Arbitru qed iqis dak kollu li xehed Ramon Borg f'dak il-kaz u jqisu ghal dan il-kaz ukoll. A skans ta' repetizzjoni qieghda ssir referenza

---

[14] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni
[15] A fol. 41

ghall-*affidavit* li ghamel Ramon Borg fil-Kaz Nru. 063/2017 u li qieghed a fol 47 *et seq* ta' dak il-process.

M'hemm l-ebda kontestazzjoni li dan il-prodott inbiegh a bazi ta' parir (*advisory service)*.

Galadarba kien *advisory service* skont ir-regoli tal-*MFSA*[16] kellu jsir dak li jissejjah *suitability test* tal-klijenta biex jigi deciz jekk il-prodott kienx addattat ghaliha u jekk setghetx tifhem ir-riskji li l-prodott kellu.

Skont *SLC 2.13 tal-Investment Services Rules- Standard Licence Conditions (SLC)* li kienu japplikaw fiz-zmien li sar l-investiment, provditur tas-servizz kellu, fil-kaz li jaghti parir ta' investiment, igib l-informazzjoni necessarja (in konformi ma' *SLC 2.16* sa *2.20* kif ukoll *SLC 2.22* sa *2.24)* fuq l-gharfien u l-esperjenza tal-investitur, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-oggettivi tieghu biex jara li r-rakkomandazzjoni tas-servizz ta' investiment jew strument humiex addattati ghall-investitur.

Skont *SLC 2.16,* il-provditur tas-servizz ta' investiment ghandu jigbor l-informazzjoni necessarja minghand il-klijent biex il-provditur jifhem il-fatti essenzjali fuq il-klijent u jkollu bazi ragonevoli fuq xiex jasal ghall-konkluzjoni, li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata tissodisfa l-kriterji li tilhaq l-oggettivi ta' investiment tal-klijent. Ukoll, li l-klijent jiflah finanzjarjament jiehu r-riskji ta' investiment konsistenti mal-oggettivi ta' investiment tieghu, u kif ukoll li l-klijent ghandu **l-esperjenza u l-gharfien necessarju biex jifhem ir-riskji involuti fit-tranzazzjoni.**

Barra minn hekk, *SLC2.22*, li titlob informazzjoni dwar l-gharfien u l-esperjenza tal-klijent fis-settur ta' investiment, tinkludi dawn li gejjin: in-natura u servizz li ser ikun ipprovdut u t-tip ta' prodott jew tranzazzjonijiet ikkunsidrati, inkluz il-kumplessità u r-riskji involuti; it-tip ta' servizz, tranzazzjonijiet u strumenti li l-klijent huwa familjari maghhom; in-natura, volum, frekwenza tat-tranzazzjonijiet tal-klijent fi strumenti u l-perjodu fuq liema dawn twettqu; il-livell ta' edukazzjoni, professjoni jew professjoni relevanti tal-klijent.

Ghalkemm Ramon Borg jghid li l-investiment kien '*suitable and appropriate'* huwa ma pprezenta l-ebda '*suitability test'* li kien ghamel tal-ilmentatrici.

[16] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions.* Fil-qosor *SLC.*

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma pprezentax l-ahjar prova. Huwa suppost kellu '*record'* ta' dan is-'*suitability test'* izda dan ma giex ipprezentat u l-provditur tas-servizz ma pprezenta l-ebda dokument biex isahhah il-verzjoni tieghu.

Mill-evidenza mhix daqstant vasta li giet ipprezentata quddiem l-Arbitru jirrizulta li l-ilmentatrici kienet '*retail client'* u, ghalhekk, kellha tinghata protezzjoni akbar.

Jirrizulta wkoll li l-*LMMPF* kellu problemi serji ta' likwidità qabel ma nbiegh lill-ilmentatrici, kif digà gie spjegat aktar 'il fuq, u dan it-taghrif kien wiehed pubbliku u li l-provditur seta' jara. Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma ghamilx '*due diligence'* tajba tal-prodott kif inhu mistenni minn kumpanija professjonali

li tipprattika f'dan il-qasam. Il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jagixxi ta' missier tajjeb tal-familja u jindokra l-interessi tal-ilmentatrici ahjar u ma jbighilhiex prodott li l-ilmentatrici ma setghetx tifhem.

Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li l-ilmentatrici riedet prodott li kemm jista' jkun jippreservalha l-kapital peress li l-flus li investiet kienu l-flus tat-tfal imgemmghin mic-*Children's Allowance* u rigali ohra li kienu qalghu. L-*LMMPF* ma kienx jiggarantixxi dan u, ghalhekk, ma kellux jinbiegh lilha.

Dwar jekk l-ilmentatrici kinetx tiflah ghall-investiment, il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova konkreta dwar dan u l-ilmentatrici xehdet li l-flus investiti kienu tat-tfal imgemmghin mic-*Children's Allowance*. Dan l-aspett ma kellux jigi injorat mill-provditur tas-servizz.

Dan kien fond li fl-Awstralja kien jista' jinbiegh biss lil '*sophisticated*' u *'experienced investors' u* l-fatt li min hareg il-prodott ma talabx l-istess kriterji ghal klijenti barra l-Awstralja ma jnehhi xejn mir-responsabbiltà tal-provditur tas-servizz li jara li l-prodott kellu jinbiegh lill-investituri simili f'Malta. Fl-Awstralja ma saritx il-kwalifika ta' '*sophisticated and experienced investors'* ghalxejn.

Ramon Borg xehed ukoll li lanqas biss kien jaf li fl-Awstralja dan il-prodott seta' jinbiegh biss lil din il-kategorija ta' investituri.[17]

[17] Kaz Nru. 064/2017, a fol. 66

Fil-kuntest tal-provi prodotti jirrizulta lill-Arbitru li dan il-prodott ma kellux jinbiegh lill-ilmentatrici ghaliex:

a. Ma giex ippruvat mill-provditur tas-servizz li l-ilmentatrici kellha dik l-esperjenza u taghrif bizzejjed biex setghet tifhem in-natura tal-prodott u r-riskji li kien igorr mieghu, meta jitqies li dan kien prodott kumpless;

b. Il-provditur tas-servizz biegh prodott li ma kienx ghamel *due diligence* serja dwaru u, ghalhekk, ma kienx qed jaddotta l-aqwa prattika professjonali u ttraskura l-interessi tal-klijenta;

c. Il-provditur ma agixxiex ta' missier tajjeb tal-familja kif kellu jaghmel peress li kienet tezisti relazzjoni fiducjarja bejn il-partijiet;

d. Dan l-investiment ma kienx jilhaq l-aspettattivi legittimi u ragonevoli tal-ilmentatrici filwaqt li kien qed jinbiegh lilha l-prodott in kwistjoni.

**Ghar-ragunijiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni**.

**Peress li dan il-prodott ma kellux jinbiegh lill-ilmentatrici, allura, l-ilmentatrici ghandha kemm jista' jkun titpogga fil-qaghda li kienet fiha qabel ghamlet dan l-investiment.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd*. thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u seba' ewro u hamsa u sebghin centezmu. (€15,707.75).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**